MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - DROGI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Numru 32/1997

**Il-Pulizija**
**(Supt. Nicholas Ciappara)**

**vs**

**Alexandra Said ta' 34 sena, mart Richard, bint Patrick Said u Mary Anne nee Hawes, imwielda Pieta' fil-21.10.62, u toqghod Block A, Flat 2, Unit 1, Government Buildings, Sisters Street, Paola, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 650562 (M).**

**Illum 8 ta' Novembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Sandra Said li giet akkuzata talli f'dawn il-gzejjer fl-10 ta' April, 1997, u d-disgha xhur ta' qabel din id-data kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal – 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement amendati u bi ksur tal-ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi. Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli f'dawn il-gzejjer, fl-4 ta' April, 1997 u matul Dicembru, 1996 u Jannar 1997, forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101, tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/I minghajr ma kellha licenzja tal-President ta' Malta, minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga, u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-19039, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligjie ta' Malta.

Ukoll talli kisret il-provedimenti tal-Artiklu 5 tal-Att 152, tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza simili moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fil-11.04.94, Awla 1.

Ukoll talli kisret il-provedimenti tal-Artiklu 28A, tal-kapitlu 9, tal-Ligjiet ta’ Malta, billi kkommettiet reat li ghalih hemm prigunerija, waqt perjodu operativ ta’ sentenza sospiza, moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 3.03.94, Awla 1.

Ukoll talli f’dawn il-gzejjer, fl-4 ta’ April, 1997 b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkagunat il-mewt ta’ Christopher Agius ta’ 31 sena minn Rahal Gdid. Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra li tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li l-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti u dan skond l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat ukoll il-kontro Ordni ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi deciza bhala Qorti ta’ Giudikatura Kriminali kif ukoll fl-istess nota li ntbaghtu l-artikoli taht liema tista’ tinstab htija oltre dawk taht il-kap 101 u cioe;
l-artikolu 10(1)(a) tal-kap 152
l-artikolu 28A tal-KAP 9
l-artikolu 225 tal-kap 9.

Rat li l-akkuzata ma kellha ebda oggezzjoni ghal fatt li din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommmarji.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza sabet il-bidu taghha meta nhar l-4 ta’ April, 1997 instab mejjet certu Christopher Agius. Fuq tali incident infethet Inkjesta Magisterjali. Giet interrogata l-akkuzata Alexandra Said, li rrilaxxat tliet stqarrijiet. F’dik immarkata Dok NC1 datata 8 ta’ Marzu, 1997, qalet li l-ewwel ta’ April wara li kienet iltaqghet ma certu Ninu Bezzina, huma ltaqghu ma’ Chris b’kumbinazzjoni gewwa Rahal Gdid. Mieghu nizlu gewwa Bormla fejn hawn iltaqghu ma’ certu missier Nicholas, imsejjah ta’ Bellotti. Skond l-akkuzata huma bdew jitkellmu fuq karozza.

Wara dan wasslu lil Chris lura ghax-xoghol. Nhar il-hamsa ta' April, cemplilha l-istess Ninu li kien infurmaha b'dak li kien gara lil Chris. Qalilha wkoll li lill-mejjet kien ghadu kemm jaghtih Lm700 talli bieghlu ghoxrin tank taz-zejt. Mistoqsija jekk kinetx taf li Chris kien jinqeda bid-droga wiegbet li dan kienet tafu ghaliex kienet taf li Chris kellu problemi mal-familja tieghu pero' qalet ukoll li lilha dwar id-droga qatt ma qalilha xejn.

L-akkuzata regghet irrilaxxat stqarrija ohra nhar il-hdax ta' April, 1997.
Qalet li kien Ninu Bezzina li kien jaghtiha l-flus biex hi tixtri d-droga. Ziedet li hi u l-mejjet Chris gieli hadu d-droga flimkien, liema droga kienet tixtriha mill-imsemmija flus. Ammettiet ukoll li fis-sajf ta' qabel Ninu kien jaghtiha Lm150 kuljum ghad-droga.

Fit-tielet stqarrija, cioe dik immarkata bhala Dok NC2, ammettiet li hi kienet qasmet id-droga ma' Chris Agius, dan kienet taghmlu ghaliex kienet tarah mugugh ghamlet hekk ghal madwar erba' darbiet. Qalet li dan il-fatt kienet ghamlitu madwar erba' xhur qabel. Din l-istqarrija giet rilaxxata fit-tlieta ta' Mejju, 1997. Qalet ukoll li hi kienet taghtih id-droga fil-ghaxija filwaqt li kienet tiehu taghha fil-ghodu. Qalet li qatt ma hadet id-droga ma' Chris.

L-akkuzata xehdet ukoll viva voce quddiem din il-Qorti, pero' jkun pertinenti qabel li wiehed jara l-punti saljenti tax-xhieda l-ohra biex jifhem ahjar dak li gie ribattut minn Said.

Noel Abela xehed li hu kien ghamel zmien wara li miet Agius jghix ma' l-akkuzata u li din kienet tghidlu li hi u l-mejjet kienu "jiehdu" ( fol 60) flimkien. Qal li kienet qaltlu li f'okkazzjoni tal-mewt ta' Chris kienu qeghdin fid-dar taghha, l-akkuzat Chris u Ninu, u hi u Chris hadu d-droga, smack, eroina. Chris intilef minn sensieh, ippanikkjaw u haduh bil-karozza lejn il-Kalkara. Fil-fatt Ninu nizel bil-karozza ta' Chris bi Chris go fiha u hi ssuq ic-Charade hamra. Hadu lil Chris fejn kien joqghod. Qal ukoll li d-droga kienu xtrawha minn Bormla. Qal ukoll li kif qaltlu hi, Ninu tellgha lil Chris it-tarag, dahhlu gol kamra fil-kcina fuq

siggu u telqu. Qal ukoll li hi kienet qaltlu lid-droga kienu xtrawha minghand bniedem jghidulu ta’ Belotti. Qal ukoll li qaltlu li Ninu kien halla, gol-fond fejn hadu lil Chris, xi pakketti tad-droga.

Noel Abela ghazel li jikkonferma din l-istqarija quddiem il-Magistrat Inkwerenti. Zied ukoll li hu kien tkellem maz-ziju tal-mejjet, certu George, li dan lilu kien qallu li meta kien ra lin-neputi tieghu, dan kellu xi daqqiet fuq daru. B’hekk Noel Abela kien emmen dak li kienet qaltlu l-akkuzata inkwantu Ninu kien kaxkar u tella lil mejjet it-tarag, imkaxkar u qeghdu fl-appartament ta’ Rita.

Noel Abela gie kontro ezaminat. Wiegeb li din l-istqarrija hu kien ghamilha wara li hu u l-akkuzata kienu ggieldu u l-akkuzata  ghamlitlu rapport ta’ stupru.

Xehed ukoll l-ispettur Ciappara li kien hu li kien kellem lil Noel Abela. Qal li Abela kien stqarr mieghu li Sandra Said kienet akkuzatu li stupraha fil-perjodu li kienu jghixu flimkien u ghalhekk kellu l-biza li dak li kien qed jghid jista’ jigi tradott bhala vendikazzjoni. Biex juri l-kuntrarju, Abela kien lest li jikkonferma l-istess stqarrija bil-gurament quddiem Magistrat Inkwerenti kif fil-fatt ghamel.

PC 171 Karl Glenville kkonferma li mill-fond fejn instab Agius gew elevati zewg qratas.

Dr Micheal Sammut, espert tossikologu, xehed li l-kawza tal-mewt ta’ Chris Agius setghet giet attribwita ghal abbuz ta’ medicinali u droga. Dr.Sammut qal ukoll li Agius  miet within minutes to half an hour.

Xehed ukoll George Agius li jigu z-ziju tal-mejjet u gia gie msemmi minn Noel Abela. Qal li Noel Abela kien qallu li d-droga kienu haduha ghand Sandra u li kienu xtrawha minn Bormla.

Xhud iehor tal-prosekuzzjoni kien Supretendent Anthony Borg. Xehed li hu flimkien ma’ ufficjali ohra kienu ghamlu tfittxija fil-fond in kwistjoni ghal xi siringa, xemgha jew kuccarina mahruqa. Sahansitra fittxew fuq il-bjut pero’ ma

nstab xejn. Jidher ukoll li kien l-istess Supretendent li instiga li George Agius li javvicina lil Abela ghal aktar informazzjoni. L-Assistent Kummissarju Michael Cassar ukoll ikkorrobora dak li qal l-Ufficjal ta' qablu, in kwantu kkonferma li fil-fond fejn instab mejjet Agius u fl-inhawi ta' madwar ma nstabu ebda siringi nonostante ghal fatt li fil-fond fejn kien il-mejjet instabu sachets vojta. L-Assistant Kummissarju qal ukoll li fil-fatt l-akkuza kontra Said giet mizjuda wara li kienu skoprew l-involviment taghha ma' Agius tramite Noel Abela stante li fi stadju ta' stqarrijiet l-akkuzata kienet innegat li fil-gurnata ta' l-incident hi kienet involuta mal-mejjet.

Xehed ukoll l-Ispizjar Mario Mifsud li in linea ma' dak li elevaw is-S.O.C.O., u ma dak li xehed l-istess Supretendent Borg huwa sab tracci ta' droga  sustanza eroina fuq kuccarina elevata mill-post tax-xoghol tal-mejjet.

Rita Calleja kkonfermat li Chris Agius kellu cavetta tad-dar taghha fejn fil-fatt instab minnha mejjet.

Kif premess Alexandra Said, apparti li rrilaxxat tliet stqarrijiet, ghazlet li tiddeponi quddiem din il-Qorti minn jeddha.

Hemm kontradizzjonijiet bejn it-tliet stqarrijiet u x-xhieda taghha viva voce, specjalment dwar meta kienet tat id-droga lil Chris Agius.

Viva voce xehdet li hi kellha relazzjoni ma' ragel li kien jaghtiha hafna flus anke biex tixtri d-droga fuq bazi gurnaljera u hbieb li kienu jabbuzaw minn din is-sitwazzjoni, b'mod partikolari semmiet lil Noel Abela. Irrakkontat incident li nqala bejnha u bejn dan Abela li wassal ghal allegat stupru. Tant li skond l-akkuzata Noel Abela kien gie jixhed kif xehed ghax ried ipattihielha talli kienet irraportatu fuq l-istupru. Ziedet li dan Abela kellu pussess kbir fuqha u tat ezempju ta' kif hi u bintha kienu mizmuma go darha stess.  Kompliet billi spjegat li hi rnexxielha tahrab mill-granfi ta' Abela meta kienet l-isptar u sabet l-ghajnuna tat-tobba pero' Abela kien hadilha t-

tifla u minnn hemm hi u bintha spiccaw Dar L-Impennn u l-Cresch rispettivament. Kien minhabba f'hekk li Noel Abela, kien fil-fehma taghha, vvinta l-istorja fuqha dwar il-mewt ta' Chris Agius.

Min-naha taghha l-akkuzata nnegat li hi qatt kellha x'taqsam xejn mal-mewt ta' Agius. Anzi kompliet li fil-gurnata tal-incident hi la kienet iltaqghet mieghu u wisq anqas kien mar id-dar taghha.( a fol 275). Innegat li hi qatt marret il-flat tal-Kalkara tant li ziedet li meta Noel Abela gie mistoqsi fuq il-lift, qalet li hi lanqas biss kienet taf li kien hemm lift. Qalet li Noel Abela kien ivvinta din il-haga fuqha u kien anke baghat jitlobha mahfra ma' certu Father Leopoldo.

In kontro ezami regghet semmiet dak li qalet fl-ewwel stqarrija u cioe ta' kif saret taf bil-mewt ta' Agius. Ikkonfermat li hi kienet qasmet id-droga ma' Agius. Semmiet ukoll diversi nies li minghandhom kienet ta' spiss tixtri d-droga. Innegat ghal aktar minn darba li hi qatt xtrat droga minghand Nicholas jew Salvu Belotti. Regghet semmiet li l-ahhar li hi rat lil Belotti l-missier kien meta marret ma' Ninu u Chris ghandu fuq xi karozza. Dan kien gurnata jew tnejn qabel ma miet Chris, ziedet li fil-fatt Ninu fuq daqshekk kien selfu l-flus. Innegat li hi qasmet id-droga ma' Chris ftit qabel ma miet anzi qalet li dan kient ghamlitu hafna snin qabel. Fil-fatt spjegat li kienet fil-vizzju tad-droga ghal tlettax-il sena u li kienet taqsam ma' Chris meta ma kienx ikollha hi u vice versa. Fil-fatt mistoqsija ghalfejn qalet differenti fl-istqarrija wiegbet li meta kien ikollha l-flus ta' Ninu ma kinitx taqsam id-droga ma' Chris. Baqghet tinsisti li meta kienet ma Ninu ma tiftakarx li hi qatt tat droga lil Chris lanqas ghax kienet tithassru ghax tarah mugugh. L-argument taghha fil-fatt hu li hi kienet biss taqsam meta kienet tkun nieqsa mill-flus biex b'hekk meta ma jkollhiex kienet issib min ihenn ghaliha. Pero' l-akkuzata donnha titilef fuq kif graw il-fatti u tasal biex tikkonferma dak li ftit qabel tkun qed tinnega. Ghalhekk ftit wara tghid li fil-perjodu li kienet ma' Ninu gieli tat droga li Chris, tghid li jista' jkun li Chris lilha gieli taha droga, tghid li lil Chris kienet taghtih ghax kienet tippretendi xi haga

lura, qalet ukoll li meta Ninu kien jaghtiha mija u ghoxrinn lira fil-gimgha gieli qasmet droga ma' Chris ghax kienet tithassru. Innegat pero' li fl-ahhar zmien li kienet ma' Ninu, li hi ghajr ghal fatt ta' Bormla, li kienet tiltaqa' ma' Chris. Tghid fil-fatt li jista' jkun li ma' l-ewwel disa' xhur li kienet taf lil Ninu li kienet qasmet droga ma' Chris pero nnegat b'certezza li hi qasmet droga fl-ahhar zmien li Chris ghamel haj. Stranament pero' mandanakollu hija fuq mistoqsija tal-Qorti regghet ikkonfermat l-istatements minnha maghmula.

Esebiet ukoll ittra miktuba minn Noel Abela kif minnu kkonfermat, b'kontenut kemm xejn stramb xi drabi inspjegabbli u li juri li l-istess kittieb ghaddej minn instabbilita kbira. L-ittra turi ukoll certu ossessjoni li kellu l-istess Noel Abela lejn l-akkuzata. Interessanti wkoll li fl-ittra hemm referenza ghal okkazzjoni li fuqha tkellemet l-akkuzata u cioe meta hu kien hadilha t-tifla meta kienu l-isptar. Fatt dan li jsahhah u jikkorrobora dak li xehdet fil-konfront tal-hajja li hi kellha ma' dana Noel.

Ikkonsidrat

Illi certament l-akkuzata tat izjed piz l-akkuza ta' omicidju involontarju milli dawk dedotti kontra taghha taht il-kap 101 u dan qed jinghad minhabba l-mod skjett li hi baqghet tinnega l-involviment taghha u l-mod kif xehdet fuq id-droga. Certament ukoll hemm diversi fatturi li jikkorroboraha pero' f'partijiet ohrajn hija ghal kollox tikkontradici liha nnifisha. Per ezempju, u dan hu punt gia sollevat, mhix konsistenti bejn dak li qalet fl-istqarrijiet u dak li xehdet viva voce. A tempo vergine u ghal tul ta' xahrejn, iz-zmien li fihom ghamlet l-istqarrijiet, ammettiet il-pussess tad-droga, li ma kinetx ghal uzu personali taghha oltre dan anke qasmet l-istess droga li taqa' fit-terminu ta' traffikar ta' droga. Dan kollu gie ammess fil-perjodu taz-zmien li jirrisali ghal akkuza. Fil-fatt l-akkuza titkellem dwar "..fit-10 ta' April, 1997 u disa' xhur ta' qabel" Senjalament wiehed isemmi illi fl-istqarrija minnha rilaxxata fit-8 ta' Marzu, 1997 qalet li hi kienet qalet li sa erba' xhur qabel l-incident, hi kienet tat jew qasmet id-droga ma' Chris Agius. Hija meta xehdet viva voce li biss

ikkontradiciet dan u terga' mhux b'mod daqstant konvincenti in kwantu dak gia espost fis-succint ta' dak li qalet kif ukoll ghal fatt li wara li tinnega terga' tikkonferma l-kontenut ta' l-istqarrijiet minnha rilaxxati.

Minn naha l-ohra hija dejjem zammet ferm l-istorja ghala ltaqghet mall mejjet l-ahhar gurnata ta' hajtu u cioe il-xiri jew ftehim ma' Belotti ghal karozza. Semmiet ukoll is-seba' mitt lira li skond hi Ninu kien ta lil Chris u Rita Calleja fix-xhieda taghha taghqad l-istorja tal-ftehim fuq il-karozza ma' Bellotti ma' somma ta' seba' mitt lira meta tghid li Chris il-gurnata qabel il-mewt tieghu kien xtara Cortina versu l-prezz ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700).

Min-naha l-ohra hemm storja kkonfermata bil-gurament min-naha ta' Noel Abela. Ovvja, d-dettalji li qal bilfors sar jafhom sew minn x'imkien. Ghandu ragun l-Ufficjal Prosekutur fin-nota tieghu li dak li qal Abela jaqbel perfettament ma' dak li qalet l-istess akkuzata fl-istqarrija taghha, aktar fid-detalji l-aktar personali u cioe l-ammont ta' flus li kienet tircevi ghad-droga. Il-fatt li Abela seta' kien iffissat fuq l-akkuzata ma jfissirx li dak li ddeppona mhux veru, lanqas il-fatt li ried ipattielha ma jfisser dan. Huwa veru li d-dettalji li jaf Abela huma ben korroborati kemm mill-akkuzata kif ukoll mix-xena tad-delitt.

Hemm fatti ohra cirkostanzjali li juru li Agius ma marx in overdose fl-appartament fejn instab, u cioe n-nuqqas ta' siringi meta certament dana kif jidher mir-rapport tal-patologisti u esperti ohra relatati, kien irceva d-droga intra venus. (a fol 97 u 103). Anke dak li xehed Dr.Sammut dwar iz-zmien li fih miet Agius jista fih innifsu jikkorobora dan il-fatt.

Rat ukoll il-verbal tad-difiza fejn ezentat lil Ufficajl Prosekutur milli jtella prova tal-identita tas-sentenzi esebiti bhala Dok A U Dok B, ( a fol 32). Rat ukoll id-dati ta' l-istess sentenzi u l-piena fihom inflitta, tqis ghalhekk minhabba d-data ta' l-akkuza li l-akkuzata kisret kemm il-provediment tal-artikolu 28A kif ukoll dak taht il-Kap 152.

Ikkonsidrat ukoll dak li xehed Dr.George Grech dwar l-andament pozittiv tal-akkuzata fatt dan li tista' anke tikkonstatah l-istess Qorti mill-kambjament li ghamlet l-istess Sinjura Said.

Illi in vista tal-premess il-Qorti qed issibha hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha u dan wara li rat l-artikoli, 4, 6, ta' l-avviz legali 292/39 u l-artikolu 22(2)(b)(I)(ii) tal-kap 101, l-artikolu 10(1)(a), tal-kap 152, l-artikolu 28A u 28B u l-artikolu 225 tal kap 9 kif ukoll l-artikolu 17 ta' l-imsemmi Kap 9. Dwar il-piena rat l-artikolu 10(1)(a) tal-kap 152 u l-artikolu 28B tal kap 9, qeghda testendi z-zmien operattiv tas-sentenza sospiza ghal erba' snin mil-lum u fil-konfront tal-kap 152 terga' tikkonferma l-ordni ta' Probation ghal sentejn mil-lum, b'dan li hi ghandha tobdi dawk id-direttivi kollha liha moghtija mill-istess probation officer. Fil-konfront tar-reati l-ohra, u cioe dawk ikkontemplati taht il-Kap 9 u l-kap 101 il-Qorti se tghaddi s-segwenti kummenti qabel ma tghaddi ghal piena, ghalkemm temmen li llum l-akkuzata ghamlet kambjament kbir, temmen ukoll li hija fil-fatt ma kellha ebda intenzjoni li hi taghmel xi qliegh mid-droga li kienet taghti lil Agius, kienet anzi taghtih id-droga biss ghax kienet tithassru, pero' din il-Qorti hija prekluza milli taghti piena taht il-Kap 152 jew taht l-artikolu 28A. Pero' tenut kollox thoss li ghandha zzom il-piena karcerarja fil-minimu inkwantu taqbel mad-difiza li din il-mara vera setghet giet uzata min minn kien ifornilha tant flus ghad-droga, Ghaldaqstant qeghda tikkunndannaha ghal piena karcerarja ta' sitt xhur habs li minnhom ghandhom jitnaqqsu l-arrest preventiv u ghal multa ta' hames mitt lira Maltin liema multa ghandha tithallas fi zmien sena mill lum.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.